**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 8** **11 ta' Novembru, 2024**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fl-11 ta' Novembru fl-4.30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
NIL

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Aġent Segretarju Eżekuttiv

Is-Sur Nazzareno Bugeja qal talba.

**8.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

8.1 Ma kienx hemm

**8.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier Daniel Zerafa.

8.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 7 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

8.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Miriam Camilleri issekondata mis-Sur Nazzareno Bugeja il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

8.2.3 Is-Sindku u Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta is-Sur Matthew Bugeja

**8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.**

8.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'diskussjonijiet li kienu ghaddejja rigward is-sitwazzjoni tal-bejjiegha tal-hut li kienu joperaw mis-suq fil-berah li kien jopera kull nhar ta' Hadd mil-lokalita' u sahaq illi flimkien mal-Kunsilliera kien ser ikompli b'sensiela ta' diskussjonijiet bil-ghan illi diffikultajiet li kien hemm jigu risolti.

8.3.2 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill Lokali b'aggornamenti li kellu rigward il-binja tal-kazin tal-banda u diskussjonijiet li kien hemm ghaddejja dwar il-materja msemmija.

8.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'diskussjonijiet li kien hemm ma' Infrastructure Malta rigward bankina li kien hemm bejn il-pitch tal-waterpolo u Torri San Lucjan. Is-Sur Grech spjega lill-Kunsilliera prezenti l-arrangamenti li kienu gew diskussi u kif il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jitlob illi jizdiedu xi sigar. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti mal-proposta hekk kif imressqa bl-emenda proposta mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier M. Bugeja ressaq il-proposta tal-pjanti fil-bankina.

8.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kellu mal-Onor. Omar Farrugia liema laqgha serviet sabiex ikun hemm diskussjoni dwar dog park biswit l-iskola primarja, Gnien li kien hemm fi Triq Joseph M.Barbara u bankina fi Triq il-Port Ruman.

8.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali rigward konferenza ghall-istampa li kienet inzammet mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali u li matulha gie mhabbar li numru ta' Kunsilli Lokali kienu gew maghzula sabiex jinghataw fondi bil-ghan illi jinstallaw outdoor gym fil-lokalita' rispettiva. Is-Sur Grech zied jghid

illi l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk kien wiehed minn dawk il-Kunsilli Lokali ibbenefika mill-iskema.

8.3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'diskussjonijiet li kienu ghaddejjin b'mod kontinwu rigward parkegg ta' *coaches*, taxi stands fi Triq Duncan u materji relatati ma' boat trips

8.3.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali rigward diskussjonijiet li kienu ghaddejjin b'konnessjoni ma' roundabout li kien hemm fi Triq il-Powerstation.

8.3.8 Is-Sindku pproduca dokumentazzjoni li kien ircieva l-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' talba ghal rimbors li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand sewwieq li allegatament kien carrat tyre ta' karozza f'hofra li kien hemm fi Triq Santa Katerina. Kien hemm qbil bejn il-membri prezenti illi kemm il-darba d-dokumentazzjoni kollha kienet disponibbli u korretta kellu jkun hemm rimbors ghaliex it-talba kienet gustifikata.

8.3.9 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill Lokali b'diskussjonijiet li kienu ghaddejjin b'konnessjoni mar-rilokazzjoni tal-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali minn Triq Vittorio Cassar ghal Triq il-Port Ruman.

8.3.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi laqgha li kellha tinzamm gewwa l-OPM rigward il-masterplan ta' Marsaxlokk kienet giet posposta mill-istess OPM ghat-tielet darba.

8.3.11 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienu saru l-arrangamenti sabiex fi Gnien il-Port Ruman tinbidel is-sistema tad-dawl bi spiza li kienet ser tkun qieghda tlehhaq l-elf u seba' mitt ewro.

8.3.12 - Sindku propona li jtqabbad l-perit F. Mangion biex jagħmel d-pjanti tal-bankini ta' triq il-port Ruman. li jinkludu sigar li mietu

**8.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

8.4.1 Il-Vici-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'harga li l-Kunsill Lokali kien ser iun qieghed jorganizza f'Jannar 2025 ghand il-president tar-repubblika. Kien hemm qbil dwar il-materja.

8.4.2 Il-Vici-Sindku staqsiet dwar il-possibilita' illi fil-pjazza ewlenija u f'siti ohra madwar Marsaxlokk isiru xi planters b'sigar.
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi kien ser ikun qieghed jikkonsulta mal-Kunsilliera u tittiehed decizjoni dwar il-materja.

8.4.3 Is-Sur Nazzareno Bugeja staqsa setghetx tigi installata mera fi Triq it-Torri
Is-Sindku wiegeb illi l-istess mera kienet giet installata diversi drabi u mill-ewwel tigi vandalizzata.

8.4.4 Is-Sur Nazzareno Bugeja gibed l-attenzjoni rigward inkonvenjent li kien hemm biswit Rising Sun Bar.
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fiz-zona kien hemm trellis li kien ser jigi imcaqlaq.



* 8.3.12 - Sindku renaq proposta ta' ittra ta' ttapli tintbagħat lill-tal-Boat trips. Ma giet x milqugħa mill-Kunsill

8.3.13 - Qbil li se jitwaqqaf sotto-kumitat għall immaniġġjar ta' Delimara · Sindku responsabbli mis-sotto kumitat.

8.4.5 Is-sur Matthew Bugeja staqsa jekk il-planters li kien hemm fiz-zona tal-maghluq setghux jinzebghu bil-kuluri tal-luzzu u jsirulhom modifiki b'tali mod illi jservu wkoll bhala bankijiet
Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri prezenti mal-proposta tas-Sur Matthew Bugeja.

8.4.6 Is-Sur Matthew Bugeja staqsa jekk setghux isiru xi graffiti ma cint biswit fejn kienu jintrabtu l-opri tal-bahar fiz-zona tal-maghluq.
Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri prezenti mal-proposta tas-Sur Matthew Bugeja.

8.4.7 Is-Sur Matthew Bugeja staqsa jekk zewg sigriet tal-palm mejta li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda setghux jigu mibdula
Il-Kunsill iddecieda illi qabel jipprocedi kellha tigi kkwantifikata l-ispiza relatata mal-materja.

8.4.8 Is-Sur Matthew Bugeja staqsa jekk kienx possibbli illi jigi mibdi l-process minhabba swimming zones fiz-zona tal-maghluq sabiex ma jilhaqx jidhol zmien il-ghawm u ma jkunx hemm cans illi jsiru.
Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri prezenti mal-proposta tas-Sur Matthew Bugeja.

8.4.9 Is-Sur Matthew Bugeja informa lill-Kunsill Lokali illi residenta li kellha applikazzjoni għal żvilupp fi Sqaq Busbiesi kienet offriet hajt illi kien jaghmel parti mill-proprjeta taghha sabiex jigi embellished. Issemma wkoll illi jsir xi tip ta' monument sabiex jikkommemora l-avveniment sfortunat tas-Simshar.
Kien hemm qbil illi l-materja kellha tigi diskussa f'aktar dettall.

8.4.10 Is-Sur Daniel Zerafa qal illi residenta kienet offret li taghti lill-Kunsill Lokali palma minghajr hlas sakemm il-Kunsill Lokali kien lest li jiehu hsieb ir-rilokazzjoni.
Wara diskussjoni libera, gie deciz illi l-Kunsill Lokali ma kellux jaccetta l-offerta.

8.4.11 Kien hemm diskussjoni libera rigward traffic calmer li kien hemm fi Triq Duncan. Intlehaq qbil illi kellha tigi modfifikata bil-ghan illi tkun inqas ta' inkonvenjent izda tibqa toffri mezz ta' sigurta' ghall-pedonali.

**8.5 Performance Bonus 2024**

8.5.1 Is-Sindku informal ill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien evalwa hidmet l-impjegati matul is-sena 2024 u kien qieghed jigi propost illi l-istess impjegati jinghataw performance bonus kif indikat fil-formuli preżentati. Fuq proposta tas-Sindku ssekondat mill-Vici-Sindku il-Kunsill Lokali unanimamnet qabel illi l-impjegati kellhom jinghataw performance bonus hekk kif propost fil-formuli tal-performance bonus.

**8.6 Bye-law dwar il-hinijiet tal-monti**

8.6.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-avukat A.Camilleri kien ghamel draft tal-byelaw, liema byelaw giet imressqa u intbghatet qabel din il-laqgha. Il-Kunsillier M. Bugeja ressaq xi proposti għal emendi li ġew milqugha mill-kunsilliera u għaldaqstant is-Seg Eżekuttiv se titlob dawn l-emendi lil-avukat.

**8.7 Aġent Segretarju Eżekuttiv**

8.7.1 Kien hemm diskussjoni libera li matulha kien hemm qbil illi fl-iqsar zmien possibbli kellu jigi konkluz il-process sabiex il-Kunsill Lokali ikollu agent Segretarju Ezekuttiv bil-ghan illi jkun jista' jibqa' jopera.

**8.8 Planning Authority**

8.8.1 Ma kienx hemm materji x'jigu diskussi.

**8.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

8.9.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet ghall-approvazzjoni

8.9.2 Fuq proposta tas-l-Vici Sindku ssekondata mis-Sur Nazzareno Bugeja, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

**8.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.**

8.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Nru 8 ġiet fit-tmiem wara li kienet eżawrita l-aġenda. Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun nhar il-5 ta' Dicembru, 2024 fl-4:00pm.

Konfermati, illum 5 ta' Dicembru, 2024.

**Steven Grech**
*Sindku*

**Karen Scicluna**
*Agent Segretarju Eżekuttiv*